Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAL WIEHED U SITTIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 7 ta' Lulju 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN HLIEF IS-SUR NORBERT PACE LI KIEN MA JIFLAHX.**

**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI |
| **SKUZAT** | Sur | NORBERT PACE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**

1. **APPROVAZZJONI TA' MMINUTI**
   Is-Sur Cordina saqsa jekk hemmx xi korrezzjonijiet fuq il-Minuti tas-seduti 58, 59 u 60. Il-Minuti ghaddew bhalha moqrija.

2. **KORRISPONDENZA**
   🗁 Petizzjoni minghand residenti fi Triq Ant. Schembri. Is-Sur Cordina qal li nistghu nirrisponduhom li ha nisottomettu l-applikazzjoni lill-TM. Is-Sur Cordina qal li No Entry Except for residents ma tistax issir ghax hi diskriminatorja. Ghalhekk issuggerixxa li niktbulhom li ha tigi sottomessa u wara li nircievu risposta nergghu ninfurmahom.
   🗁 E-mail rigward Basketball Club. Is-Sur Spiteri u s-Sur Cordina ltaqghu maghhom u peress li dan il-klabb m'ghandux isem, kull ma jridu qal is-Sur Spiteri hu li jiehdu l-isem ta' H'Attard Loyola Club, biex ikunu jistghu jitrenjaw fil-bitha tal-iskola u zewg nets portable li jintuzghu mill-iskola wkoll. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilta' ta' xiri ta' dawn in-nets imma s-Segretarju Ezekuttiv qalet li dawn ma jistghux jinxtraw mill-Kunsill minhabba li ma jkunux assi tieghu. Ghalhekk gie deciz li din it-talba tigi diskussa iktar il-quddiem.
   🗁 E-mail minghand Farsons rigward Avviz Legali gdid fuq restrizzjonijiet ghall-bejgh ta' alcohol wara d-9pm f'postijiet pubblici. Is-Sur Spiteri qara l-e-mail filwaqt li qal li kellu kuntatt dirett ma' Ivan id-Direttur. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-permess li jinghata hu tal-operat u hemm ukoll il-fatt li jekk qed tinkera l-area galadarba tinkera tigi kkunsidrata privata. Ghall-bejgh tal-akolhol wara d-disgha irid jingab permess mill-MTA. Is-Sur Spiteri qal li ha jirreferi lilu s-sistema kif inhi u mhux suppost ikun hemm problemi..
   🗁 E-mail il-Plant Biotechnical . Is-Sur Cordina qal li ma jaqbilx u li ga hemm kaos fi Triq Sant'Anton ahseb u ara go din id-djuqija. Is-Sur Bonnici qal li vera sabih imma l-area mhix adattata ghal dak it-traffiku kollu. Is-Sur Spiteri qal li nirrisponduhom li jista' jsir drop-off point fi Triq Lorenzo Manche' u minn hemm jaraw huma.
   🗁 Ittra minghand resident rigward talba ghall-*isleeping policeman* jew *slow signs* f'Dahlet ic-Cipress. Giet milqugha t-talba li jsiru *slow signs.*

🗁 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm applikazzjoni ghall-Amenity Site gdida fil-Pitkalija u li din ha tissemma fil-fuljett li hiereg dalwaqt.

**3. RAPPORT – XOGHOLIJIET LI GHADDEJJIN BHALISSA**

Is-Sur Cordina qal li forsi kif kulhadd jaf tlestiet il-bicca bankina accessibbli u gew frankati mal-Euro 5000. Ix-xoghol sar kollu mill-haddiema tal-Kunsill. Saret manutenzjoni fuq Gnien Misrah Kola u ghandu anki kwotazzjoni ghas-CCTV li ha jressaq taht punti mqajjma.

Bdew ix-xogholijiet fuq Pjazza Tumas Dingli u ha jitkomplew nhar it-Tnejn. Is-Sur Cassar qal li hemm bzonn jigi restawrat il-monument tal-gwerra. Fuq din in-nota is-Sur Spiteri qal li sabiex biex ma tinqalax polemika ohra nahsbu ghall-plancier tal-festa/jew xi palk meta ssir attivita' ohra biex ikun hemm access mill-Pjazza jinfethu l-balavostri. Is-Sur Cassar qal li ma jaqbilx imma kif qal is-Sur Zammit tinfetah fetha ta' metru u fuq din kien hemm qbil. Is-Sur Bonnici qal li nistghu nghidu lis-Sur Charles Camilleri u jmexxi hu. Is-Sur Cordina pero' qal li ha jqabad li xi hadd professjonali ha jimxi mal-estetika. Kulhadd qabel.

**4. MANAGEMENT LETTER - RISPOSTA TAS-SINDKU**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fin-nuqqas tal-eks Sindku u peress li din tikkoncerna s-sena finanzjarja tieghu dan l-item ha jsir darb'ohra jew tigi cirkulata u tintbaghat.

**5. APPROVAZZJONI HLASIJIET MEJJU**

Gew approvati u ffirmati l-hlasijiet ta' Mejju.

**6. APPROVAZZJONI AGGUDIKAZZJONI TENDERS**

Gew approvati t-tenders skond ir-rapport tal-Aggudikazzjoni mehmuz:
Tender Printjar ta' Fuljett: Union Print
Tender Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubblici, *Bus Shelters* u *Bollards*: Salvu Mifsud
Tender Manutenzjoni ta' Bankini: Mario Mallia.

**7. AMBAXXATA AMERIKANA**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsill li wara l-laqgha li saret ma' membri tal-Ambaxxata waslu ghall-konkluzjoni li l-iskart peress li mhux domestiku u mitqies bhalha kummercjali jingabar personalment minnhom u r-riciklagg mill-kumpanija Greenpak. Rigward i-kwistjoni fuq l-isem tat-triq li prezentament inghatat bhalh Triq il-Park Nazzjonali gew suggeriti dawn l-ismijiet: Triq Martin Luther King jew Triq J.F. Kennedy. Kulhadd qabel.

**8. MOZZJONI BAWI**

Giet approvata l-mozzjoni sabiex jinghataw struzzjonijiet l-Avukat biex nipprocedu bil-qorti u jittiehed l-ewwel pass tal-azzjoni legali. Kulhadd qabel unanimament.

**9. AGGORNAMENT GNIEN HAL WARDA**

Is-Sur Cordina nforma l-kulhadd li l-permess hareg u li x-xoghol ha jibda nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju. Hu qal li issa jispera li x-xghol jibda u ma jieqafx.

**10. AGGORNAMENT PPP**

Gie iffirmat il-kuntratt mal-WSC sabiex tinhareg LA u l-Kunsill gie nfurmat ukoll kif intqal precedentament li l-ammont ha jkun co-finanzjat mill-Gvern Centrali.

**11. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Li jixtieq li tinghata pagna sabiex jigi ppubblikat avviz bi hlas fil-fuljett tal-programm ta' La Stella Levantina. Kulhadd qabel.

- Li Dun Mikiel Xerri hdejn l-iskips, tahthom u wara l-hajt hemm mandra. Iridu jitnaddfu u tinkiteb ittra lis-Sid biex titnaddaf l-area u kif qal is-Sur Cassar tigi kkuppjata lill-MEPA.
- Li ssir talba ghall-bozza fi Triq Ant. Micallef
- Jsir rapport rigward l-inbiegh tal-klieb biswiet il-propjeta' tieghu.
- Isir xi haga fuq il-hanut tal-Maypole fi Triq Santa Katerina ghax in-nies ma jistghux jibqghu sejrin hekk. Is-Sur Spiteri qal li ssir tabella li l-area qed tigi monitorjata mill-Gwardjani Lokali – *No obstruction of drive-ins and garages*. Kulhadd qabel.
- Fi Gnien l-iStazzjon issir xi apparat ta' open air gym. Ha tigi kkunsidrata iktar tard minhabba li l-apparat prezenti mhux up to standard.
- Issir skip tal-hgieg fi Triq il-Kbira.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Li l-Kunsill izomm ghajnejh fuq il-bring-in sites.
- Fakkar fuq Triq Victor Vassallo quddiem il-G&G sabiex il-bankina ssir shiha.
- Eko Festa issir laqgha nhar il-Gimgha, 15 ta' Lulju.
- Issir skeda fil-magazine dwar l-iskart.
- Saqsa jekk il-Vann jistax jahdem b'tahlita ta' bio diesel. Wiehed isaqsi.
- Saqsa kemm hemm flus fil-UIF u s-Segretarju Ezekuttiv qalet li hemm madwar € 50,000 u hi proponiet li bihom issir l-upgrade ta' Gnien il-Palma u li fiha tkun inkorporata struttura tal-conopy ghall-ilqugh mill-ilma ghad-dhul tt-tfal fl-iskola. Kulhadd qabel.
- Bike rack hdejn Nicholsons u Warda bus stop.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti:

- Saqsa jekk hux qed tiddahhal l-ikrivana tas-Sibt fost il-Gimgha wkoll. Is-Sur Cordina qal li peress li wahda mill-iskrivani kienet sa siefer ghall-9 t'ijiem u l-iskrivana l-ohra u s-Segretarju Ezekuttiv kienu mfarrkin bin-nies sat-tarag, hu qal li is-Segretarju Ezekuttiv talbitu jdahhal lill-iskrivana tas-Sibt sakemm tingab skrivana gdida mill-ETC. Is-Sur Spiteri qal li m'hemm xejn hazin ghax huma ghandhom fiducja fis-Sindku u s-Segretarju kkonsultat mieghu.
- Talab biex niktbu lis-Sid rigward it-tankijet tal-persuna l-ohra hdejn il-flats.
- Talab sabiex jigi mghajjun Joe Mifsud fir-Reseved Parking ta' Triq il-Pruna
- Talab li tissewwa bankina li nizlet hdejn il-flats.
- Talab biiex titnaddaf xi kaxxa tal-aluminium.

Is-Sur Spiteri ressaq dan il-punti:

- Propona li l-Kunsill itella' attivita' bl-ghajnuna taz-Zghazagh 'Qum u Caqlaq' nhar is-6 t'Awissu bejn it-8.15pm u l-11.00pm
- Li ssir tiswija tal-hajt fi Triq il-Gibjun ma' Triq il-Pitkali
- Titnaddaf l-area zdingata ta' hdejn Gnien il-Kunsill.

Is-Sur Cordina ressaq dan il-punti:

- Li tissemma triq go H'Attard Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.
- Niktbu s-sd rigward il-hmieg, qisha gungla fi Triq Lorenzo Manche'.
- Rigward dak li xtaq is-Sur Pace il-midalja tiswa' xi €350 u ma jhossx li ghandha tinxtara.
- Li jsir kuncert min-naha tal-Kunsill bl-ghajnuna tal-Futball Klabb bil-kundizzjoni li l-attivita' tkun kollha koperta minn sponsorship mill-istess klabb.
- Li ha jsir xoghol fuq arbli ta' mhux iktar minn €100. Din l-ispiza gie approvata.
- Talab li jergghu jitqassmu l-boroz tar-riciklagg. Kulhadd qabel.
- Stima CCTV. L-ahjar stima hi dik ta' TELECOM u tammonta ghall-€3800. Kulhadd qabel.

**12. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm għall-10 ta’ Awissu 2011.

_________________________ Sindku

_________________________ Data